11 ta' Diċembru 2015
140/2015

# FTUĦ TAL-BIEB TAL-ĦNIENA FIL-KATIDRAL TAL-IMDINA

**Data: Il-Ħadd, 13 ta' Diċembru 2015**

Post: Pjazza San Pawl, l-Imdina, u l-Katidral tal-Imdina

**Ħin: 5:45 p.m.**

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Diċembru 2015, l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jiftaħ il-Bieb tal-Ħniena fil-Katidral tal-Imdina, fil-bidu tal-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena fil-Knisja f'Malta.

Iċ-ċelebrazzjoni tibda fil-Knisja ta' San Mark, ir-Rabat, u tkompli b' purċissjoni mmexxija mill-Arċisqof lejn il-Katidral tal-Imdina. Hemmhekk jinfetaħ il-Bieb tal-Ħniena u ssir Quddiesa Solenni fil-Katidral.

**Għal din l-okkażjoni, l-Uffiċċju Komunikazzjoni ser jipprovdi *press stand* barra l-Katidral tal-Imdina għal waqt il-ftuħ tal-Bieb, u post riżervat fil-Katidral għal waqt il-Quddiesa.**

Din iċ-ċelebrazzjoni ser tixxandar fuq TVM2, RTK u Radju Marija.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**